Prim Ministru

Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar

Ministru għal Għawdex

Chairperson,
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

**A.L. xx tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

*Titolu.*
*L.S. 549.106.*

**1**. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Falkunerija) hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

*Tifsir.*

**2.** Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-regolamenti prinċipali.

*Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.*
*L.S. 549.48*
**3.** Minnufih wara t-tieni proviso tas-subregolament 5(2), għandu jidħol dan il-proviso l-ġdid li ġej:
"Iżda ukoll, l-istaġuni miftuħa hekk kif stabbiliti fis-subregolamenti 5(1) u 5(2) u l-provisos tagħhom għandhom japplikaw ukoll għall-Majjistral, Park ta' Natura u Storja."